MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Avviz Numru. 427/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**

**Vs**

**Dr. Frank Portelli**

Il-Qorti;

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici li talbet lill-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,886.72), bilanc ghad-debitu fil-*"Credit Card Account"* tieghu mas-socjeta' attrici (Dok. A), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 ta' Novembru 2012 sad-data l-effettiv pagament, liema *loan* gie moghti lil Frank Portelli permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Frar 2010 (Dok B).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata

(Dok B) partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Frank Portelli (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ attrici kif stipulat fl-imsemmi skrittura, u (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici u b’hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f’daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Marzu 2012 (Dok C) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tat-3 ta’ Gunju 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2013 il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalkemm debitament notifikat bil-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef, tmien mija u sitta u tmenin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3,886.72), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-30 ta’ Novembru 2012 sad-data l-effettiv pagament, ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors promotur.  L-ispejjez kollha inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 30 ta’ Marzu 2012 u tal-mandat ta’ sekwestru li gie pprezentat kontestwalment mar-rikors promotur kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------